MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 111/2007

Francis u Rita konjugi Saliba

Vs

Joseph Xuereb

Il-Qorti;

**F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu hlas ta' kumpens ghal servigi ghall-perjodu ta' erbgha u erbghin (44) sena – Preskrizzjoni li tapplika f'kawza simili - Giet trattata l-kwistjoni jekk eccezzjoni ta' preskrizzjoni hijiex kompatibbli ma' eccezzjoni ta' hlas.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-9 ta' Ottubru 2007 l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens li jsostnu li hu dovut lilhom ghal servigi, kura u ghajnuna li taw lil Emanuel Xuereb li miet fid-19 ta' Dicembru 2006. Din l-ghajuna giet identifikata li tikkonsisti f'tisjir, ikel, tindif, hasil tal-hwejjeg u bzonnijiet medici.

Il-konvenut permezz ta' risposta guramentata prezentata fis-26 ta' Ottubru 2007 (fol. 12) jikkontestat t-talba ta' l-atturi u ghamel riferenza ghal dikjarazzjoni li saret fit-testment tal-mejjet fejn iddikjara li kien hallashom tas-servigi.

Permezz ta' risposta guramentata ulterjuri li giet prezentata fil-5 ta' Mejju 2008 (fol. 143) il-konvenut isostni li l-azzjoni ta' l-atturi hi peskritta bil-preskrizzjoni ta' hames snin (Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili) fir-rigward tas-servigi li jirreferu ghall-perjodu qabel is-7 ta' Settembru 2007.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2008 u tal-11 ta' Novembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat :-

1. F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu hlas ghall-kura u ghajnuna li taw lil Emanuel Xuereb. Il-fatti huma :-

(a) L-attrici u l-konvenut huma ahwa, u Emanuele Xuereb hu z-ziju taghhom.

(b) Emanuele Xuereb miet **fid-19 ta' Dicembru 2006** (fol. 5). Kien guvni u jghix wahdu. Ghex hajja semplici hafna u fid-dar ma kellux il-bzonnijiet bazici li tista' tghid ghandha kull dar.

(c) Il-wirt ta' Emanuele Xuereb hu regolat minn testment li sar fl-1 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-nutar Dr Joanne Cauchi (fol. 6). Il-konvenut hu l-werriet universali. Fit-Tieni Artikolu jinghad : *'Ghal kull buon fini t-testatur jiddikjara illi huwa dejjem hallas lin-neputija tieghu Rita*

*Saliba u zewgha Francis Saliba ghas-servigi u assistenzi illi huma ghamlu mieghu.’*.

(d) Min-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi[1] jirrizulta li qeghdin jippretendu s-somma ta’ €300,880 ghall-perjodu ta’ erbgha u erbghin (44) sena b’rata ta’ €4.66 kuljum.

2. Fl-ewwel lok ser tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Hu stabbilit li f’kawza simili, tapplika l-preskrizzjoni ta’ hames snin (Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili) [ara per ezempju **George Sciberras et vs Josephine Spiteri et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-1 ta’ April 2005]. Inoltre, l-fatt li l-ghajnuna tibqa’ tinghata b’mod kontinwat ma jfissirx li l-preskrizzjoni ma tibdix tiddekorri (ara sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta’ Jannar, 1955 fil-kawza **Agostino Pace et vs Antonio Agius nomine**[2]) ; *‘….. anke meta ikun hemm il-kontinwita’ jew ir-reiterazzjoni tas-servigi din il-kontinwita’ ma timpedix li il-preskrizzjoni tibda tiddekorri, ….. il-kontinwita’ jew reiterazzjoni tas-servigi ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri.’* (**Michelina Mallia et vs Carmela Cutajar** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[3] fil-25 ta’ Lulju 1969). F’kaz li jigi prezentat att gudizzjarju, dak l-att iservi ta’ interruzzjoni ta’ preskrizzjoni fir-rigward tal-hames (5) snin precedenti ghal dak l-att (**Maria Debono vs Dolores Portelli** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Ottubru 1954 – Vol. XXXVIII.i.207).

Skond l-Artikolu 2107(2) tal-Kodici Civili : *‘Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed **jehles minn azzjoni**, meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi.’*. L-atturi jsostnu li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni m’hijiex kompatibbli mad-dikjarazzjoni li ghamel id-decujus fit-testment, li kien hallas lill-atturi ghall-ghajnuna li tawh (ara tieni eccezzjoni). L-analogija li saret ma’

---

[1] 22 ta’ Awwissu 2008 (fol. 168).
[2] Vol. XXIX.ii.515.
[3] Imhallef M. Caruana Curran.

gurisprudenza li addottat il-fehma li l-eccezzjoni ta' tpacija hi inkompatibbli ma' eccezzjoni ta' preskrizzjoni, m'hijiex flokha. Meta tinghata eccezzjoni ta' tpacija l-konvenut ikun qieghed (certament fit-tpacija gudizzjali[4]) jirrikonoxxi li hu debitur ta' l-attur u ghalhekk jirrinunzja ghall-preskrizzjoni; *'L-eccezzjoni tat-tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss m'ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kredituri'* (**Raymond Vella vs Moby Rentals Limited** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2001). Mhux hekk gara fil-kaz taghna. Il-qorti lanqas ma taqbel ma' l-insenjament tal-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs Paul Piscopo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Lulju 2006, meta l-qorti kkonkludiet li dikjarazzjoni li d-debitu thallas m'hijiex kompatibbli ma' eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva. Il-qorti ma tistax tqies li d-dikjarazzjoni li ghamel Emanuele Xuereb fit-testment tista' tissarraf fit-taghrif tad-dejn jew mod kif inkisret il-preskrizzjoni. Permezz tat-tieni eccezzjoni l-konvenut, werriet ta' Emanuele Xuereb, qieghed isostni li ma jezisti l-ebda dejn ghaliex fit-testment ta' l-awtur tieghu saret dikjarazzjoni li l-attrici kienet thallset ghall-ghajnuna li tat. Ghalhekk ghandha cahda li ghandhom jithallsu xi flus lill-attrici. Fid-duttrina Taljana il-preskrizzjoni qosra huma maghrufa bhala ***'presuntive'***, *'….per una loro speciale caratteristica. Il decorso del termine non produce l'effetto estintivo sul diritto, ma la legge, trascorso il periodo indicato, ritiene, con presunzione relativa che l'obbligazione sia stata estinta : presuntive – si intende – di pagamento.'* (*Istituzioni di Diritto Civile*, A. Trabucchi, Cedam 2007 pagna 242). Li l-preskrizzjoni brevi hi presuntiva ta' pagament gie kkonfermat fil-kawza **Ivy Agius vs Joseph Calleja nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Frar 1958 (Vol. XLII.ii.923). Rilevanti wkoll il-fatt li meta jinghata l-gurament skond l-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni qasira (inkluz dik kontemplata fl-Artikolu 2156) ma tapplikax meta l-parti

---

[4] Rikonoxxuta mill-gurisprudenza (ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **C. Fino & Sons Limited vs Polidano Brothers Limited** tat-28 ta' Settembru 2007: *"Din il-Qorti zzid biss li l-gurisprudenza tammetti 'l hekk imsejjha kompensazzjoni gudizzjali li gudikant jirrikorri ghaliha meta l-kreditu oppost mill-konvenut ikun wiehed li jkun jista' facilment jigi likwidat."*.

li lilha jinghata l-gurament ma tistqarrx li m'hijiex debitur jew li ma tiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. Ghalhekk ukoll m'hemmx l-ebda raguni ghalfejn meta parti li tiddikjara li hallset, il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156 m'ghandix effett. Kien forsi ikun differenti li kieku il-konvenut ma cahadx li kellu jaghti, imma allega biss li ma jidhirlux li ghandu jaghti daqs kemm il-kreditur qieghed jippretendi minghandu[5]; *'il debitore che, senza impugnare la esistenza del debito, ne dicute soltanto la quantita', rinunzia tacitamente alla prescrizione.'* (**Carbun vs Bezzina** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 1897 – Vol. XVI.ii.3). Din il-qorti taqbel ma' dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Avukat Dr. Antonio Caruana vs Antonio Spiteri** deciza fis-7 ta' Jannar 1939 li *' …l-eccezzjoni tal-pagament mhiex inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni (ara P.A. Ellul vs Giuseppe Imbroll, 21 ta' Mejju 1921 sedenti l-Imhallef Dr Cremona).'*[6]. Interessanti wkoll kif fil-kawza **Agostino Pace et vs Antonio Agius** deciza mill-Prim'Awla fis-17 ta' Jannar 1955 gie osservat : *'Effettivament, espressjoni ftit jew wisq simili, jigifieri dik ta' 'ma nhallikx tbati' giet kunsidrata bhala mhiex bizzejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni (Vol. XXXII.ii.342).'*. Il-qorti hi tal-fehma li l-fatt li tinghata eccezzjoni ta' pagament ma tistax tfisser li hemm rikonjizzjoni ta' debitu. Ghalhekk f'dan il-kuntest l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi gustifikata ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, u l-atturi jistghu jitolbu hlas biss ghall-perjodu mis-7 ta' Settembru 2002[7]. Ghalkemm il-konvenut isostni[8] li ma saret l-ebda prova li dan l-att gudizzjarju gie notifikat, pero' fir-risposta ulterjuri li pprezenta fil-5 ta' Mejju 2008 qieghed jaccetta dan il-fatt tant li eccepixxa l-preskrizzjoni *'….ghal dawk is-servigi li gew allegatament resi mill-atturi fi zmien qabel l-ahhar hames snin mid-data tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 2007'*.

---

[5] **Pace and Associates Limited vs Drawing Techniques** deciza mill-Qorti ta' l-Appell sede Inferjuri fis-7 ta' Dicembru 2005 u l-kawza fl-ismijiet **Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998.
[6] Vol. XXX.i.964.
[7] Giet prezentata ittra ufficjali fis-7 ta' Settembru 2007.
[8] Ara nota ta' sottomissjonijiet.

3. Fir-rigward tal-meritu m'hemmx kontestazzjoni li l-attrici kienet ta' kuljum tiehu l-ikel lil zijuha. Il-konvenut stess qal li *'Sa l-ahhar xahar qabel ma miet iz-ziju, Rita baqghet iggieblu l-ikel.'* (fol. 165). Carmen Xuereb, mart il-konvenut, ikkonfermat li ghal dak li hu ikel, kienet tiehu hsieb l-attrici (fol. 157). Jesmond Xuereb, iben il-konvenut, ikkonferma li *'…….t-tisjir kienet tehodlu hsieb Rita Saliba.'* (fol. 151). Ghalkemm kien hemm xhieda ohra li qalu li l-attrici kienet taghmel ukoll il-facendi tad-dar u hasil tal-hwejjeg ta' zijuha, il-qorti hi tal-fehma li mill-provi rrizulta li Emanuel Xuereb kien ighix hajja indipendenti, semplici hafna u ma kienx ragel li jfittex l-igene. Il-kwalita' tal-hajja tieghu certament ma kenitx tirrifletti z-zmien li kien qieghed ighix fih, u l-ghajnuna l-ohra li setghet inghatat hi minima u ma kenitx regolari, kontinwa u ta' certa entita'. Jesmond Xuereb spjega: *'F'din id-dar ma kien hemm xejn ta' valur fil-fehma tieghi. Ftit kienet l-ghamara li kien hemm. Kellu fridge zghira, table cooker – kollox semplici hafna. Emanuel Xuereb lanqas kamra tal-banju ma kellu ; kien jinhasel – meta jinhasel – fil-bitha. Lanqas geyser ma kellu. Lanqas toilet paper ma kien jaghmel uzu minnu ; kien jisserva b'bicca carruta.'* (fol. 152). Carmen Rapa spjegat : *'…Emanuel Xuereb ma kienx ezemplari ghall-indafa. Hu kien iqatta' hafna mill-hin tieghu fir-raba u ma kienx izomm ruhu nadif. Li ma jzommx ruhu nadif jiena kont ninduna mill-hwejjeg li jkun liebes.'* (fol. 82). Fl-affidavit qalet: *'..huwa kien izomm ruhu mahmug u ma kienx jibza ghall-indafa.'* (fol. 36). John Abela iddeskriva lil Emanuel Xuereb bhala *'…..bniedem stramb, rahhal, ta' ftit diskors. Jien niftakru dejjem liebes hwejjeg tar-raba' u kien ibiddel ftit nhar ta' Hadd meta kien immur il-quddies.'* (fol. 41). Guzepp Attard spjega kif Emanuel Xuereb kien jilbes hwejjeg imqattghin u mahmugin[9]. M'huwiex barra minn loku l-kumment li ghamel il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet, li zijuh kien ighix hajja *'primittiva'*.

Min-naha l-ohra hemm verzjonijiet kontrastanti dwar jekk Emanuel Xuereb kienx qieghed ihallas ghall-ghajnuna li

[9] Seduta tal-21 ta' Frar 2008 (fol. 47 u fol. 50).

kien jircievi. M'hemmx dubju li l-attrici kienet tircievi hlas minghand zijuha. Id-dubju hu jekk dak il-hlas kienx kumpens ghall-ghajnuna jew biex jinxtraw il-bzonnijiet. Fit-testment Emanuel Xuereb iddikjara li *'…..dejjem hallas lin-neputija tieghu Rita Saliba u zewgha Francis Saliba ghas-servigi u assistenzi illi huma ghamlu mieghu.'* (fol. 7). Guzepp Attard xehed li Emanuel Xuereb kien ighidlu li jhallas Lm100 talli l-attrici tehodlu l-ikel (fol. 46); Mary Carmen Cilia qalet li kienet ilha taf lil Emanuel Xuereb xi tnax-il sena qabel miet. Fir-rigward ta' hlasijiet li jsiru lill-attrici qalet : *'…l-ewwel Manweli kien jghid ghal bidu, naghtiha mitt lira fix-xahar.'* u mbaghad wara kien jghid li mill-pensjoni kienet *'Thallili xi haga fuq il-mejda, u tiehu kemm trid.'* (fol. 69). Bint il-konvenut qalet : *'Emanuel Xuereb kien jghid illi lil Rita Saliba kien jaghtiha mitt lira (Lm100) kull erbgha (4) gimghat mill-pensjoni. Kien jaghtihomlha talli ssajjarlu u suppost biex tnaddaflu.'* (fol. 155-156). Iben l-attur spjega li Emanuel Xuereb, *'Kien jghidli li lil Rita Saliba talli kienet tehodlu l-ikel kien ihallasha. Jiena nikkonferma ukoll illi skond ma kien jghidli Emanuel Xuereb meta kien jircievi c-cekk tal-pensjon, darba fix-xahar, kien imur ma' Rita Saliba l-bank, kienu jsarrfu c-cekk, hu kien izomm bejn hmistax u ghoxrin lira Maltin (Lm15-Lm20) u l-kumplament tehodhom Rita Saliba. Skond ma kien jghidli Emanuel Xuereb il-flus kienet tehodhom Rita Saliba ghaliex hi kienet tehodlu hsieb it-tisjir ta' kuljum.'* (fol. 152). John Mary Apap spjega li, *'Darba Manwel Xuereb kien qalli li Rita Saliba taghmillu r-ravjul. Kien qalli li jaghtiha hamsin lia Maltin (Lm50) fix-xahar u kemm hi mara sewwa.'* (fol. 118)[10]. Min-naha l-ohra Grace Galea, oht l-attrici u l-konvenut, ikkonfermat li zijuha kien ighidilha li kien jaghti l-flus lill-attrici pero' dan sabiex *'….thallaslu l-konijiet tad-dawl u ilma, drinks, u l-affarijiet li kienet tuza meta tahsillu l-hwejjeg. Iz-ziju qatt ma qalli li lil Rita kien ihallasha kumpens talli tiehu hsiebu. Jiena lil Rita staqsejtha hux veru li Manuel, iz-ziju, kien jaghtiha l-flus kif kien jghidli. Rita kkonfermatli illi Manwel kien jaghtiha l-flus biex tahsillu jigifieri biex tixtri l-affarijiet,*

---

[10] Ghalkemm fl-ahhar tad-deposizzjoni qal, *'Meta Leli Xuereb qalli illi jaghti hamsin lira Maltin (Lm50), ma nafx jekk kienx qieghed jghid ghal Rita Saliba jew ghall-mara ta' Joseph Xuereb.'* (fol. 119). Il-probabilita' hi li kien qieghed jirreferi ghall-attrici ghaliex mill-provi ma rrizultax li mart il-konvenut kienet taghtih ghajnuna.

*ghall-ikel tat-tisjir u affarijiet ta’ xoghol, u l-bzonnijiet li jkollu fi-dar, anki bhal xiri ta’ medicina.’* (fol. 122). Hekk ukoll John Abela xehed : *‘Nikkonferma li Manuel kien jaghtiha xi hlasijiet lil Rita, iz-zija. Dawn kienu hlasijiet biex hi tkun tista’ tixtri l-affarijiet.’* (fol. 129). L-atturi naqsu milli jaghtu spjegazzjoni dwar il-hlas li kien isir min Emanuel Xuereb. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet, l-atturi jsostnu li dwar dan: ***‘Tara l-qorti kemm minn din ix-xhieda hija affidabbli ; u tqis ukoll illi hija kollha detto del detto.’***. Ovvjament l-ahjar prova kienet tkun ix-xhieda ta’ Emanuel Xuereb, li hu mejjet. L-Artikolu 599 tal-Kap. 12 jipprovdi :-

**599.** Il-qorti tista’, skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, ta’ żwieġ, ta’ mewt, ta’ assenza, ta’ servitù, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

Il-qorti ma tistax tasal biex temmen, kif isostnu l-atturi, li l-pensjoni ma kenitx isservi lil Emanuel Xuereb, u li sahansitra l-attrici kienet tohrog flus minn butha sabiex taghmel tajjeb ghal bzonnijiet ta’ zijuha. Il-konvenut xehed li zijuh kien jircievi pensjoni ta’ mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm148) kull erbgha (4) gimghat. Ragel li kellu kwalita’ ta’ hajja fqira hafna u ma kellux delizzji jew kapricci. Emanuel Xuereb kien ighix wahdu u ighaddi bix-xejn. Hajja mizera, ghaliex Emanuel Xuereb hekk biss kien jaf. Mehud in konsiderazzjoni l-provi li tressqu, il-qorti hi tal-fehma li jezisti dubju ragonevoli jekk verament ghadux dovut xi hlas bhala kumpens ghall-ghajnuna li l-mejjet inghata mill-atturi. Dubju li jimmilita favur il-konvenut; *“Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta’ pagamenti ta’ debiti civili l-Qorti tirritjeni, li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova il-pagament li hu jallega****, f’kaz ta’ dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubbju ghandu dejjem***

***imur favur il-konvenut**, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, n-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu"* [**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**, Prim'Awla Qorti Civili preseduta Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970]. Dan l-insenjament gie addottat mill-Qorti ta' l-Appell[11] fil-kawza **Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited** deciza fl-24 ta' Novembru 2003 : *"Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Ara a propozitu decizjonijiet fl-ismijiet "**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju 1970 u "**Desmond Mizzi noe –vs-Patrick Filletti pro et noe**", Appell, 28 ta' Jannar 2000."*[12]. Mill-provi li semghet il-qorti m'hijiex moralment konvinta li l-flus li kienu jinghataw l-atturi kienu qeghdin ikopru biss l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :-

1. Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili fir-rigward tal-perjodu qabel is-7 ta' Settembru 2002.

[11] Imhallef P. Sciberras.
[12] Ara wkoll **Maltacom plc vs Kurt Galea Pace** deciza mill-istess Qorti fid-19 ta' Mejju 2004.

2. Fir-rigward tal-perjodu ta’ wara sad-data tal-mewt ta’ Emanuel Xuereb, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghalhekk tichad it-talbiet ta’ l-atturi.

Spejjez a karigu ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------